**Statement tal-Inġ. Samuel Bonanno u Dr Inġ. Brian Micallef**

**Membri Eletti tal-Bord tal-Professjoni tal-Inġiniera, wara d-digriet tat-3 ta' Ġunju 2022 fuq ir-rikors għal talba ta' Protezzjoni tal-Qorti**

**20 ta' Lulju 2022.**

***Għall-Attenzjoni ta:***

- ***l-Malta Association of Professional Engineers (MAPE),***
- ***Il-Kamra tal-Inġiniera (COE),***
- ***Il- Bord tal-Professjoni tal-Inġiniera***
- ***Il-Kommunità tal-Inġiniera f'Malta u f'Għawdex.***

Aħna, is-sottofirmati, l-Inġ. Samuel Bonanno u Dr Inġ. Brian Micallef nixtieqU nġiebu għall-attenzjoni ta' kull membru tal-professjoni tal-inġinerija s-sussegwenti.

F'Lulju tas-sena 2021 l-emendi għal-Liġi dwar il-professjoni tal-Inġinerija għaddew mill-Parlament, dan minkejja li kien u għad hemm fis-seħħ Mandat ta' Inibizzjoni kontra l-Bord tal-Professjoni tal-Inġinerija sabiex ma jmexxix l-istess emendi.

Wara pawza l-Bord tal-Professjoni reġa' beda jiltaqa' f'Settembru 2021. F'dawn l-ewwel laqgħat aħna ġbidna l-attenzjoni taċ-*Chairperson* li jekk titħaddem il-Liġi bl'emendi b'kollox il-Bord kollu kemm hu jkun qed jikser il-Mandat tal-Inibizzjoni. Din żgur iġib konsegwenzi serji fuq kull membru tal-Bord.

Peress li ċ-*Chairperson* u membri oħra tal-Bord ma taw l-ebda attenzjoni għal dan il-punt importanti, u peress li l-Kawża fuq l-emendi tinsab *sub-judice* quddiem il-Qorti, aħna ressaqna mozzjoni għall-approvazzjoni tal-Bord li kienet titlob li l-Bord ma jkomplix bil-ħidma tiegħu fir-rigward tal-istess emmendi sakemm il-kawża tiġi deċiża mill-Qorti.

Il-Mozzjoni ma ġietx approvata. Aħna vvotajna favur u l-membri l-oħra tal-Bord vvutaw kollha kontra. Minħabba li l-ksur ta' Mandat ta' Inibizzjoni jwassal għall-proċeduri quddiem il-Qorti Kriminali, aħna ma komplejniex nattendu għal-laqgħat tal-Bord. Aħna nistqarru għal darb'oħra li noqgħodu għal ordni tal-Qorti f'kull ħin u kull mument u mingħajr eċċezzjoni. Il-ksur ta' Mandat ta' Inibizzjoni jġib miegħu sanzjonijiet severi ħafna, nkluż possibilment l-inkarċerazzjoni (Ħabs).

F'dawn iċ-ċirkostanzi u msaħħa b'pariri legali, fl-14 ta' Settembru stess ressaqna Rikors urġenti quddiem l-Imħallef Onor. Dr. Depasquale li kien iddegreta l-Mandat ta' Inibizzjoni. Fir-Rikors tagħna tlabna għall-protezzjoni tal-Qorti mill-konsegwenzi tal-ksur tal-Mandat ta' Inibizzjoni.

L-Onor. Imħallef Depasquale f'digriet li ta' fit-12 ta' Ottubru 2021, filwaqt li għaraf in-natura serja tar-rikors tagħna, indika li r-rikors għandu jitressaq quddiem l-Imħallef li qed jisma' l-Kawża, f'dan il-każ l-Onor. Imħallef Dr. Miriam Hayman.

Fl-20 ta'Diċembru 2021 ressaqna l-istess Rikors quddiem l-Onor. Imħallef. Miriam Hayman li iffissat u saret seduta fit-12 ta' Jannar 2022 sabiex jinstema' r-rikors.

Fid-digriet maħruġ mill-Qorti fit- 3 ta' Ġunju 2022, il-Qorti filwaqt li ma waqqfitx il-Bord, sostniet li ma kinitx se tiddeċiedi fuq it-talba għall-protezzjoni tagħna sabiex ma tippreġudikax il-Kawża li hemm quddiem l-istess Qorti. Il-Qorti għarrfet il-pożizzjoni tagħna. Ma qalietx li ma għandiex raġun. Qalet biss li mhux ser tiddeċiedi sabiex ma tippreġudikax il-Kawża.

Għalkemm għad m'għandniex il-protezzjoni tal-Qorti li tlabna fir-rikors tal-inqas għandna l-konfort li għamilna dak kollu li stajna quddiem il-Liġi sabiex nipproteġu lilna nfusna.

F'dawn iċ-ċirkostanzi u sabiex nipproteġu lilna nfusna minn proċeduri quddiem il-Qorti Kriminali minħabba ksur tal-Mandat ta' Inibizzjoni, aħna nibqgħu tal-pożizzjoni li ma nattendux il-laqgħat u ma nipparteċipawx fix-xogħol tal-Bord sakemm ikollna l-Protezzjoni tal-Qorti. Tajjeb li jingħat illi l-Bord bl-ebda mod ma ttenta jirratifika din is-sitwazzjoni u kuntent jibqa' miexi b'żewġ membri nieqsa u ċjoe mingħajr rappreżentanza tal-kommunita' tal-inġiniera. **Infakkru lil kullħadd li l-Mandat ta' Inibizzjoni għadu fis-seħħ u jorbot lil kull membru preżenti u futur tal-Bord, b'sanzjonijiet serji ħafna.**

**F'dawn iċ-ċirkustanzi serji aħna b'obbligu ser nippreżentaw il-kandidatura tagħna għall-elezzjoni tal-membri eletti fuq il-Bord tal-Professjoni tal-Inġiniera meta din tissejjaħ, sabiex inkomplu u ntemmu l-ħidma li bdejna aħna biex tiġi salvagwardjata l-professjoni tagħna.**

**Tant biex kull Inġinier ikun nfurmat.**

**Ing. Samuel Bonanno.**

**Dr Inġ. Brian Micallef.**